MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1381/1992/1

**Anton Zammit**

**vs**

**Salvino Vella**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur Anton Zammit ippremetta:-

Illi huwa proprjetarju tal-fond 233/235, Constitution Street, Mosta mentri da parti tieghu l-konvenut Salvino Vella jokkupa l-fond adjacenti 231 Constitution Street, Mosta.

Illi ricentement il-konvenut ghamel xi xogholijiet strutturali fil-fond minnu okkupat u fil-kors ta' dawn ix-xogholijiet huwa waqqa' hajt u b'mod unilaterali ghamel tieghu parti

minn karma propjeta' tal-attur u ghalhekk gie li invada l-proprjeta tal-istess attur.

Illi dan l-agir tal-konvenut huwa abusiv u illegali u sar b' dannu ghall-istess attur.

Illi l-konvenut gie kemm-il darba interpellat u mitlub sabiex jirripristina l-imsemmija kamra ghall-istat originali taghha izda baqa' inadempjenti.

Ghalhekk l-attur qed jitlob li jigi ordnat lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jirripristina l-imsemmija kamra ghall-istat originali taghha okkorrendo b'opera ta' periti nomianndi u fin-nuqqas li jaghmel dak lilu ordnat fiz-zmien koncess, l-attur jigi awtorizzat sabiex jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji ghall-iskop tal-ewwel talba a spejjes tal-konvenut b'ghajnuna u assistenza tal-Pulizija u Marixxall f'kaz ta' opposizzjoni tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez u l-konvenut gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament ikkonfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Salvino Vella fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante illi mhux minnu illi l-esponent invada l-propjeta tal-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat id-dikriet ta' dina l-Qorti (diversament presjeduta) tal-5 ta' April 1993 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-A.I.C. Frederick Doublet bil-fakoltajiet soliti.

Rat ir-rapport tal-abbli Perit Tekniku liema rapport gie presentat u kkonfermat bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-12 ta' Frar 2007.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat lil-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Konsiderazzjonijiet Fattwali.

Illi l-attur hu projetarju tal-fond 233/235 Constitution Street, Mosta filwaqt illi l-konvenut jokkupa l-fond adjacenti 231 Constitution Street, Mosta. L-attur jallega illi bix-xogħolijiet strutturali li għamel il-konvenut huwa waqqa' hajt b'mod unilaterali u b'hekk il-konvenut gie li invada l-proprjeta' tal-attur.

Illi l-konvenut jeċepixxi illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu illi huwa nvada l-propjeta tal-attur.

Illi l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tordna lill-konvenut jirripristina l-kamra mertu tal-kawża għall-istat oriġinali tagħha għaliex, skond huwa, bix-xogħolijiet li saru mill-konvenut meta dan waqqa l-ħajt, huwa invada l-proprjetà tal-attur. Da parti tiegħu, il-konvenut qed jiċħad dan u jgħid illi huwa ma invadiex l-proprjetà tal-attur.

Illi fid-dikjarazzjoni tiegħu, il-konvenut qal illi huwa jokkupa l-fond 231, Constitution Street, Mosta b'titolu ta' kera. Illi f'Marzu tas-sena 1992 bil-permess tas-sid huwa ghamel xogholijiet fil-propjeta' mikrija lilu. Illi l-attur ipprova darbtejn jimpedih milli jaghmel dawn ix-xogholijiet permezz ta' zewg Mandati ta' Inibizzjioni numri 404/92 u 471/92 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, li t-tnejn gew michuda. Il-konvenut jgħid ukoll illi x-xogholijiet maghmula minnu saru taht id-direzzjoni tal-Perit u ma ikkagunaw l-ebda danni lill-attur, kif ukoll illi mhux minnu illi l-konvenut invada l-propjeta tal-attur.

Illi fis-seduta tal-5 ta' April 1993 il-Qorti innominat Perit Tekniku (fol.11).

Il-perit tekniku wasal għall-konkluzjonijet tiegħu (fol.91 et seq), b'mod partkolari f'paragrafu 33.3 u 4. Il-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex tadotta u tagħmel tagħha dawn il-konklużjonijiet tal-espert tekniku. Il-Qorti ukoll esaminat bir-reqqa l-motivi li jaghti l-istess Perit Tekniku u l-Qorti taqbel ma dawn ir-ragunijiet u ukoll taghmillhom taghha.

Ghal dawn il-motivi:-

Il-Qorti tiddeċiedi billi fl-ewwel lok tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha attriċi.

L-ispejjeż kollha a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------